MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2007

Numru 248/1998

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Omissis
Eleno sive' Lino Bezzina

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Eleno sive' Lino Bezzina, ta' 43 sena, bin Joseph u Maria Assunta nee' Azzopardi, imwieled Pieta' fis-17 ta' Lulju 1964 u li joqghod 76, St. Catherine Street, Qormi gie imressq quddiemha akkuzat talli :-

(a) F' dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar xhur, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor , ingann jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika u billi hargu u ghamlu uzu minn cekkijiet foloz ta' National Westminister Bank b' diversi ammonti li globalment jeccedu s-somma ta' £Stg50,000 (hamsin elf Liri Sterlini), ghamlu qliegh ta' aktar minn Lm10,000 (ghaxar t'elef Liri Maltin) bi hsara ta' diversi persuni u stituzzjonijiet bankarji;

(b) Ghamel falsifikazzjonijiet f' atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta' banek privati, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew bil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz jew obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet, jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u aktar, talli xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza hawn fuq imsemmija;

(c) Bil-hsieb li jaghmel frodi b' ghemil qarrieqi kif inhu kontemplat f' Art. 308 tal-kap 9, wera dan il-hsieb b' atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitti imsemmija, liema delitti ma gewx ezegwiti minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-13 ta' April 1989 (*a folio* 89 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-Artikoli 18, 183, 184, 308 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-imputat Eleno sive Lino Bezzina fis-seduta tal-10 ta' Mejju 1988 ta' l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati u decizi bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li fis-seduta tas-26 ta’ Jannar 1990 il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju stante li l-imputat l-iehor Adam Pace kien allontana ruhu minn dawn il-Gzejjer u ma setax jinstab u l-Qorti laqghat it-talba.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma dawn.

F’Awissu tal-1988 il-Pulizija kellha rapport minghand John Pullicino ghar-rigward li kien xtara ‘cheque’ tan-‘National Westminister Bank’ ghas-somma ta’ sbatax il-elf lira sterlini (Stg. 17,000) minghand Adam Pace w Eleno Bezzina.

Il-Pulizija esibit bhala Dok. KB1 cheque mahrug lil Eleno Bezzina u ffirmat Mrs. J. Pace kif jidher mill-istess ‘cheque’.

Dan ic-‘cheque’ gie kkonsenjat lil Pulizija minn John Pullicino li qal li tieghu hallas seba’ t’elef u tmien mitt lira Maltin (Lm7,800), izda l-istess ‘cheque’ gie ‘referred to drawer’. L-istess Pullicino qal li qabel dan kien hemm tlett ‘cheques’ ohra li gew ‘referred to drawer’ ukoll, u dawn giebuhom il-Pulizija wara, minghand certu Angelo Montebello u dawn gew esibiti bhala dokumenti KB2, KB3 u KB4.

Is-Sur Pullicino sussegwentement kien gab lill-Pulizija notament mill-Mid-Med Bank li jirreferixxi ghar-‘referring to drawer’ ta’ l-ewwel ‘cheque’ jigifieri tad-dokument KB1. Din giet esibita w immarkata Dok. KB5.

Iz-zewg persuni li kienu ndikati lill-Pulizija, jigifieri Adam Pace u Eleno sive Lino Bezzina li gew identifikati fil-Qorti mill-Ufficjal investigatur l-Ispettur Kevin Ellul Bonnici, gew

arrestati, wiehed fis-17 ta’ Awissu u l-iehor fit-18 ta’ Awissu 1988 u gew interrogati.

Fit-18 ta’ Awissu, Eleno Bezzina, wara li nghata s-solita twissija, irrilaxxja stqarrija, li giet esibita w immarkata Dok. KB6.

Din saret fil-prezenza ta’ l-Ufficjal Investigatur fil-prezenza ta’ PC1216 Anthony Grima u l-imputat ghazel li jiffirmha.

John Pullicino li xehed fis-seduta tat-23 ta’ Setembru 1988 (deposizzjoni *a folio* 40 et sequitur tal-process) spjega li certu Stephen Buhagiar, li kien *mechanic*, kien qallu li kellu cekk ta’ hamest elef lira Sterlina (Stg5,000) u staqsih jekk kienx jaf lil xi hadd li ried jixtri dan ic-cekk. John Pullicino qal li kien xtara dan ic-cekk huwa stess flimkien ma xi cheques ohra li komplessivament kienu jammontaw ghas-somma ta’ tlettax il-elf lira Sterlina (Stg13,000) u spjega li huwa hallas is-somma ta sebat elef u tmien mitt lira Maltin (Lm7,800) ghal dawn ic-cheques. Pullicino kompla jghid li huwa kien qal lil Stephen Buhagiar sabiex il-flus li kien tah izommhom hu sakemm jisssarfu c-cheques. Dan Pullicino qal li huwa kien ghadda dawn ic-cheques lil certu Angelo Montebello u dan tal-ahhar kien baghthom l-Inghilterra izda dawn gew lura ‘refer to drawer’ u ghalhekk ma ssarfux. Meta Pullicino mar ghand Stephen Buhagiar sar jaf li dan tal-ahhar kien ghadda l-flus lil persuni lli kienu tawh ic-cheques, u cioe’ l-imputat Eleno Bezzina u Adam Pace li x-xhud gharaf bhala l-imputati prezenti fl-awla meta xehed. Meta dan ix-xhud ikkonfronta lil Eleno Bezzina u lil Adam Pace it-tnejn bdew jinsistu li kien l-iehor li ser ihallas lura l-flus, u cioe’ Bezzina beda jghid li Pace kien ser jirritorna lura l-flus filwaqt li Pace beda jghid li kien Bezzina li kien ser jaghmel hekk. John Pullicino spjega li huwa talab lil Pace u ll Bezzina jaghtuh cheque iehor sabiex jipprova jbieghu u huma fil-fatt tawh cheque fl-ammont ta sbatax il-elf lira izda dan ic-cheque xorta baqa’ ma ssarrafx u John Pullicino ddecieda li jaghmel rapport lil Pulizjia.

Stephen Buhagiar li wkoll xehed fis-seduta tat-23 ta’ Settembru 1988 filwawt li kkorobora il-verzjoni tal-fatti moghtija minn John Pullicino qal ukoll lli huwa kien sar jaf lill-imputat Eleno Bezzina peress li kien ser jixtri karozza minghandu izda peress li ma kellux flus bizzejjed sabiex ihallas il-prezz kollu Bezzina qallu li kellu cheque ta’ elf lira Stellina (Stg 2,000) u talbu jaghtih tmien mija u sittin lira Maltin (LM860.00) ghal dan ic-cheque u qallu imbaghad ghal bilanc tal-prezz tal-vettura nirrangjaw. Bezzina kien qallu wkoll li kellu xi cekkijiet ohra li xtaq ibiegh u talbu jsiblu nies disposti jixtruhom u kien b’dan il-mod li Stephen Buhagiar sab llil John Pullicino u bieghlu ic-cekkijiet li saret referenza ghalihom aktar il-fuq. Meta Buhagiar sar jaf minghand Pullicino li c-cheque li kien bieghlu ma kienx issarraf huwa kien ikkonfronta lilll-imputat Bezzina u dan beda’ jgib skuza u qallu li kien hemm wiehed Ingliz miljunarju li kien qed jinvesti Malta u li meta dan l-Ingliz jigi Malta il-kwistjoni kienet titranga. Bezzina inoltre qallu li huwa kien biegh xi cekkijiet lil Adam Pace ukoll u talbu jivverifika ma dan tal-ahhar dwar il-fatt li c-cekkijiet fil-fatt kienu tajbin. Stephen Buhagiar fil-fatt spjega li huwa hekk ghamel u Pace qallu li c–cekkijiet kienu tajbin. Stephen Buhagiar spjega li huwa kien fadallu jaghti sebgha mija u sittin lira Maltin (Lm760.00) lil Bezzina fuq il-prezz tal-vettura u ghalhekk wara li John Pullicino baqa’ ma thallasx tal-ammont li huwa kien hareg ghac-cekk in kwstjoni huwa kien ta’ l-ammont ta’ sebgha mija u sittin lira Maltin (LM 760.00) lil Pullicino. Angelo Montebello li wkoll xehed fis-seduta tat-23 ta’ Settembru 1988 ikkonferma l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Stephen Buhagiar u minn John Pullicino.

Mario Zammit u Charles Grech li wkoll xehdu fis-seduta tat-23 ta’ Settembru 1988 spjegaw kif huma kienu inghataw cheques minaghand l-imputat Eleno Bezzina u minghand Adam Pace liema cekkijiet gew lura *refer to drawer* u ma ssarfux.

L-imputat Eleno Bezzina ma xehedx f’dawn il-proceduri izda fit-18 ta’ Awissu 1988 huwa kien irrilaxxja stqarrija (Dok. KB 6 esebita *a folio* 32 tal-process) fejn spjega li huwa kien sar jaf lil Adam Pace meta dan gie Malta mill-

Inghilterra u kienu bdew jaghmlu xi negozju flimkien huwa qal ukoll li Adam Pace kellu *cheuque book* mahrug minn National Westminister Bank tal-Inghilterra u kien qallu li l-imsemmi cheque book kien ta' wahda mara Ngliza u staqsieh jekk kellux il-hila ibiegh dawn ic-cekkijiet sabiex imbaghad jaqsmu l-flus. L-imputat spjega li hu u Pace imlew ic-cekkijiet dak il-hin u ffirmawhom J. Pace. Eleno Bezzina spjega li huwa f'dak il-mument ma kienx jaf li c-cheque book kien f'isem mart Adam Pace li kien jisimha Jacqueline. Huwa spjega wkoll li din tal-ahhar kienet fil-kamra meta mlew dawn ic-cekkijet u peress li kienet Ingliza Adam Pace kien talbha tikteb l-ammonti fuq bicca karta sabiex huma jikupjawhom izda hija ma ffrimat l-ebda cheque. L-imputat ammetta li huwa kien jaf li dawn ic-cheques ma setghux jissarfu u qal lli huwa iffirma fuq xi cekkijiet minnhom ghalkemm jghid li ma jiftakarx jekk kienx iffirma fuq l-ewwel batch ta' erba' cheques li nhargu jew fuq cekkjiet sussegwenti. L-imputat Bezzina qal li meta staqsa lil Adam Pace jekk kienx ser ikollhom l-inkwiet mal-Pulizjia dan irrispondih li kienu jarrestaw lil min jixtri c-cekkijiet u mhux lil min kien ibieghom. L-imputat jispjega li huwa mar ghand Stephen Buhagiar fuq xoghol u bieghlu tlett cheques b'kollox ammontanti ghal tlettax–il elf Stellina (Stg 13,000.) u dan hallsu sebgha telef u tmien mija liri Maltin (LM7,800) u huwa taw nofs dan l-ammont lil Adam Pace. L-imputat jghid ukoll li r-raba' cheque ta' erbgha telef u hames mitt Stellina (Stg4,500) huwa tah lil Mario Zammit minn Hal-Qormi li mieghu kellu dejn ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500). L-imputat Eleno Bezzina qal ukoll li Adam Pace kien jaf li huwa kellu tlett tomniet art is-Sggiewi u ssugerielu li jaghmlu konvenju fejn huwa kien jobbliga ruhu li jbieghlu l-art ghall-prezz ta' tlettax–il elf Stellina (Stg 13,000) u fil-fatt sar il-konvenju ghand in-Nutar Antoine Agius. L-imputat jghid ukoll fl-istqarrija li huwa kien biegh cekk ta' elfejn u erbgha mitt Stellina (Stg 2,400) lil certu Charlie minn Hal-Qormi jghidulu l-Kanajs u dan kien hallsu elf u erbgha mija u sittin lira Maltin (LM 1,460) ghal dan ic-cekk. L-imputat qal ukoll li c-cekk ta' sbatax-il elf Stellina (Stg 17,000) kien imlieh u firmah hu u kien tah lil John Pullicino sabiex jintbaghat l-Inghilterra wara li c-cekkijiet l-ohra gew 'refer to drawer'. Huwa qal ukoll li lil

Pullicino kien tah lura hames mitt lira Maltin (LM 500) izda ma kompliex ihallsu xejn aktar ghaliex ghamlulu l-hsara ma min kien ser ibiegh ir-razzettt. L-imputat jghid li huwa kien ta zewg cheques ohra lil kugin tieghu. Huwa jghid ukoll li jiddispjacih ghal dak li kien ghamel u kien ser jiprpova ihallas lura l-ammonti nvoluti.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-imputat jinsab akkuzat bi frodi u ghemil qarrieqi taht dak li jidisponu l-Artikoli 308 u 310(1) (a) tal-Kap. 9 u u b'falsifikazzjoni  jew b'uzu ta' att falsifikat taht dak li jidisponu l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u senjatament mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Eleno Bezzina jirrizulta lil hinn minn kull dubju detat mir-raguni li huwa kkommetta ir-reati li bihom huwa qed jigi akkuzat fil-kaz odjern. Huwa ammetta li biegh cekkijiet li kien jew mela u ffirma hu stess jew inkella li kienu gew mimlija minn Adam Pace meta huwa kien jaf li dawn ic-cekkijiet ma setghux jissarfu u inoltre iffirma cekkijiet minn *cheque books* li taghhom huwa ma kienx il-firmatarju. Huwa inoltre ghamel uzu mill-imsemmija cekkijiet meta kien jaf li dawn ic-cekkijiet ma setghux jissarfu sabiex jigwadanja l-flus jew sabiex ihallas dejn li kellu ma terzi bhal fil-kaz ta' Mario Zammit.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li mill-provi jirrizulta sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali li l-imputat huwa hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati, l-ammont sostanzjali involut liema ammont jeccedi bil-bosta l-elf lira Maltin (Lm1,000) imsemmi fl-Artikolu 310(1) (a) u anki il-fatt li l-imputat prezentement qed jiskonta piena karcerarja dwar reati li taghhom huwa nstab hati u ghalhekk jidrilha li fic-cirikostanzi ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 183, 184, 308 u 310 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti

tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------